View metadata, citation and similar papers at core.ac.uk
brought to you by CORE
provided by OAR@UM


# RABTIET MARITTIMI TA' KAPPELLI DEDIKATI LIL SAN PAWL FIL-GŻEJJER MALTIN

*Timmy Gambin*

Mal-mixja taż-żmien, ir-relazzjoni triplika bejn nies, divinitajiet u l-baħar immanifestat ruħha b'varjetà ta' modi. Mhux biss il-baħar għandu rwol ewlieni fil-mitoloġiji qodma, imma kien hemm min ħares lejh b'sens ta' suġizzjoni, biża' jew stagħġib. Dan igħodd għal dawk li jivvjaġġaw fuq dgħajsa jew ġifen kif ukoll għal dawk li joqogħdu fuq ix-xatt iħarsu lejn il-baħar. Tibdil mhux mistenni fit-temp jista' jbiddel lill-baħar minn xenarju kalm, għal wieħed feroċi u aggressiv ta' qawwa kbira u bla ebda ħniena. Mingħajr ebda dubju, kien għalhekk li allat b'saħħithom u vendikattivi kienu ta' spiss jingħataw it-tmexxija ta' dan id-dominju imprevedibbli. Meta kienu jsalpaw għal vjaġġ fuq il-baħar, il-Griegi tal-qedem kienu jitolbu lil varjetà ta' divinitajiet għall-ħarsien mill-qilla ta' Poseidon li, jekk toffendih, kellu s-saħħa li jiżra' l-miżerja fost il-baħħara u jirrendi l-vjaġġ tagħhom perikoluż u mimli diffikultajiet.[1]

Huwa interessanti li wieħed jinnota kif dawn ir-ritwali, offerti u twemmin, jaqbżu l-fruntieri kulturali, kronoloġiċi u ġeografiċi. Wieħed isib referenzi għal attivitajiet bħal dawn f'ħafna rkejjen tal-oċeani u l-ibħra madwar id-dinja. Fit-tieni millenju QK, xi divinitajiet Kananiti bħal Baal Shamem u Baal Faphon assumew rwoli marbutin mal-baħar.[2] Matul il-perijodu medjevali, in-nies tat-Tramuntana kellhom l-allat u d-divinitajiet li kienu jiffurmaw parti integrali mit-tbaħħir tal-Vikingi. Iżjed il-bogħod, fl-Oċean Paċifiku, l-allat tal-baħar kienu numerużi u serje ta' ritwali u sagrifiċċji ġew innotati għal varjetà ta' għanijiet li kienu jinkludu t-tberik tax-xbieki u t-tkeċċija tal-għajn ħażina mill-bastimenti li jbaħħru.[3] Rendikont modern mingħand priġunier Kristjan fuq bastiment ta' korsari Misilmin jiddeskrivi s-sagrifiċċju ta' nagħġa fuq il-pruwa tal-bastiment qabel l-attakk fuq ġifen Kristjan.[4] Minkejja l-iżvilupp ta' teknoloġija moderna għan-navigazzjoni, it-twemmin f'għajnuniet spiritwali waqt mumenti perikolużi fuq il-baħar għadhom jippersistu sal-ġurnata tal-lum.

Fi ħdan il-Kristjanità, hemm qaddisin li joffru ħarsien lil diversi nies li l-ħajja tagħhom tiddependi mill-baħar. L-ewwel waħda fost dawn kollha hija l-Verġni Marija. Hija kienet minn dejjem id-divinità preferuta mill-baħħara Kristjani u possibilment hija l-eku ta' kulti marittimi tal-imgħoddi marbutin ma' divinitajiet femminili bħal Isis. Qaddisin Kristjani oħra importanti jinkludu lil San Nikola ta' Myra, il-qaddis patrun tal-vjaġġaturi u l-baħħara (fost ħafna oħrajn), u Sant'Andrija, il-qaddis patrun tas-sajjieda. Hemm qaddisin oħra b'xi forma ta' rabta ma' nies tal-baħar; wieħed minn dawn huwa San Pawl. Minkejja r-rabta tiegħu ma' avveniment marittimu famuż, San Pawl mhux magħruf bħala kult marittimu ta' importanza kbira f'xi post ġol-Mediterran. Għalkemm xi kultant jissejjaħ biex jikkalma maltempati fuq il-baħar, wieħed ma jistax jirreferi għal San Pawl bħala qaddis b'rabtiet qawwija mat-tbaħħir.

F'Malta, il-fatt tan-nawfraġju ta' San Pawl fuq il-gżira huwa kkunsidrat minn ħafna mill-abitanti bħala wieħed mill-avvenimenti ewlenin fl-istorja tal-gżira. Dan l-avveniment kellu effetti fit-tul fuq it-twemmin, it-tradizzjonijiet u l-kultura tal-abitanti tal-gżira. Għaldaqstant wieħed ma għandux jissorprendi ruħu li 'l barra minn Ruma, il-kult ta' San Pawl huwa ffukat prinċipalment fuq il-gżira ta' Malta. Il-kult Pawlin jimmanifesta ruħu permezz ta' serje ta' knejjes, kappelli, statwi u numru kbir ta' niċeċ li jinsabu kemm madwar Malta kif ukoll f'Għawdex. Dan huwa veru wkoll fl-ismijiet ta' postijiet li wieħed jista' jiltaqa' magħhom f'kuntesti kemm rurali kif ukoll madwar il-kosta.[5] Ta' interess għal dan l-istudju hija l-preżenza ta' rabta bejn uħud minn dawn il-postijiet u d-dinja marittima. Dan huwa partikolarment veru fejn jidħlu kappelli medjevali b'dedika lil San Pawl fil-pajsaġġ posthom.

Qabel ma nagħtu ħarsa lejn dawn il-kappelli, mingħajr ħafna dettalji żejda, huwa importanti li wieħed jispjega xi fatturi marbutin ma' prattiċi fin-navigazzjoni tal-imgħoddi. Qabel l-invenzjoni ta' mapep nawtiċi bid-dettal, il-boxxla u (ħafna aktar tard) is-sestant, il-baħħara kienu jiddependu minn numru ta' fatturi biex jiggwidawhom fin-navigazzjoni f'ibħra miftuħa. Mhux veru li l-baħħara tal-qedem kienu jivvjaġġaw qrib il-kosta. Bil-kuntrarju, il-kosta kienet post perikoluż għaliex bidla fid-direzzjoni tar-riħ setgħet twassalhom biex jinkaljaw fuq xi sikka. Kienu x-xemx, l-istilel, il-lewn tal-baħar, il-fond tiegħu, l-għasafar, ħsejjes u sinjali oħra naturali li kienu jiggwidaw lill-baħħara.[6]

Ir-rakkont innifsu tan-nawfraġju San Pawl jipprovdi referenzi bid-dettall fejn jidħlu prattiċi fin-navigazzjoni tal-qedem:

1. Ix-xemx u l-istilel: "għal ħafna jiem la x-xemx u lanqas l-istilel ma kienu jidhru, tant kienet qawwija l-maltempata".
2. Il-fond tal-baħar: "Skandaljaw il-baħar u sabu fond ta' għoxrin fadom; wara li baħħru distanza qasira reġgħu skandaljaw u sabu fond ta' ħmistax."

Waħda mill-prattiċi l-aktar qodma kienet li wieħed jagħraf fil-pajsaġġ ċerti karatteristiċi naturali jew magħmula mill-bniedem bħala indikaturi fejn wieħed kien jinsab: "Meta wieħed ibaħħar minn Rhegjun lejn il-Lvant, fuq distanza ta' ħamsin stadja, wieħed jasal f'Kap

Leukopetra [...]; wara jasal Herakleion li huwa l-aħħar ilsien tal-art Taljana u jinklina lejn in-Nofsinhar."[7] Din il-kwotazzjoni hija meħuda mill-ktieb tal- Ġeografija ta' Strabo li jista' jiġi kkunsidrat bħala wieħed mill-eqdem eżempji li għad hawn dwar struzzjonijiet fit-tbaħħir tal-qedem li kienu jiggwidaw lill-baħħara biex jagħrfu bejn karatteristika u oħra, prattika li tissejjaħ 'wayfaring'. Dawn l-istruzzjonijiet kienu jissejħu *Peripli* fiż-żminijiet tal-qedem, u *Portolani* fil-Medju Evu.[8] Dawn l-istruzzjonijiet medjevali dwar it-tbaħħir kien fihom deskrizzjonijiet iddettaljati dwar portijiet u postijiet fejn il-baħħara kienu jistgħu jsorġu ġo jew madwar il-Baħar Mediterran, inklużi Malta u Għawdex.[9] Bħala regola kien il-pajsaġġ li kien jintuża biex wieħed jiddeskrivi medda ta' xatt jew post li jimmarka d-daħla għal ġo bajja. Il-portolan kien jagħti wkoll struzzjonijiet iddettaljati dwar il-ħarsien li kien jingħata lil bastimenti ġewwa l-portijiet, il-ħarsien mill-irwiefen, il-fond tal-baħar u l-kwalitajiet tal-qiegħ tal-baħar.

Meta wieħed jistudja dawn il-portolani medjevali bħala fir-rigward tal- Gżejjer Maltin, wieħed irid jiftakar li l-uniku post b'konċentrazzjoni ta' binjiet qrib il-baħar kien dak madwar il-belt marittima tal-Birgu.[10]

Fil-bqija tal-pajsaġġ ta' madwar il-kosta kważi ma kien hemm xejn mibni mill-bniedem. Madankollu, jekk wieħed jeżamina dawn id-dokumenti bir-reqqa, wieħed isib numru ta' kappelli u knejjes qrib il-kosta li kienu jservu bħala punti ta' riferiment għan-naviganti. B'dan wieħed irid jifhem li strutturi bħal dawn kienu jidhru iktar f'pajsaġġ kważi vojt. Minn dawn il-kappelli, waħda biss minnhom, dik ta' San Lawrenz tal-Birgu, hija urbana.

| **Kappella/Knisja** | **Post (medjevali)** | **Post (modern)** | **Portolan** |
|---|---|---|---|
| Sancta Maria | Comino | Comino | *Lo Compasso de navegare* |
| San Lorenzo | Bolgo | Birgu | *Chompasso de tuta la starea della Marina* |
| San Ziorzi | Carla de Conili | Marsa | *Chompasso de tuta la starea della Marina* |
| La gliexia (?) | Binarato | Burmarrad | *Chompasso de tuta la starea della Marina* |
| San Polo | Colfo de Pramacho | San Pawl il-Baħar | *Chompasso de tuta la starea della Marina* |
| Sancta Maria | Marsa forno | Marsalforn | *Chompasso de tuta la starea della Marina* |
| San Polo | Marsa forno | Marsalforn | *Chompasso de tuta la starea della Marina* |
| Sancta Maria | Intro lo cavo de Montela e Miciaro | Qala | *Chompasso de tuta la starea della Marina* |
| Sancta Maria | Comin | Comino | *Chompasso de tuta la starea della Marina* |

**Tabella 1.** Kappelli li jissemmew fi tnejn mit-tliet portolani medjevali studjati minn Cassola.

Mit-tmien kappelli differenti u knejjes qrib il-kosta msemmijin fil-portolani, tnejn għandhom dedika b'mod ċar lil San Pawl filwaqt li m'hemm l-ebda dubju li l-knisja li hemm referenza għaliha f'Burmarrad hija dik ta' San Pawl Milqi. Issa ser nispjega l-użu ta' dawn it-tliet kappelli fil-kuntest tan-navigazzjoni medjevali.

**Marsalforn**

Din ir-referenza għall-kappella li saret fis-seklu ħmistax tagħti indikazzjoni ċara dwar l-għeruq medjevali ta' dan is-sit. Madankollu, minkejja din ir-referenza ċara ma jeżistux dokumenti bil-miktub li juru d-data eżatta meta din inbniet. Fil-kuntest tal-portolan, il-kappella ddedikata lil San Pawl flimkien ma' dik iddedikata lill-Verġni, jintużaw b'mod ċar biex jgħinu lill-baħħar isib fejn qiegħed u kif ser jankra l-bastiment:

> La ch'e la varda de peire seche e una gliesia de Sancta Maria, et e station uno prodexi ala ponta e le anchor ever levante. Item ver levante si e la gliexia de San Polo.

Ma hemm l-ebda xhieda ta' ritwal jew dedikazzjonijiet marittimi speċjali marbutin mal-kappella. Madankollu, storja li kien semma Agius De Soldanis tgħin biex jintafa' dawl fuq l-elementi maġiċi marbutin ma' postijiet bħal dawn. L-istorja tirrakkonta kif fl-1726, maltempata wasslet biex skuna tfittex il-kenn fil-bajja. Meta l-maltempata għaddiet il-kaptan iddeċieda li jibqa' sejjer lejn Malta imma l-bastiment ma setgħax joħroġ minn Marsalforn. Sar magħruf li wieħed mill-baħrin kien seraq l-għata tal-għażel tal-artal mill-knisja u kien biss wara li dan l-oġġett ġie rritornat li l-bastiment tħalla jitlaq mill-bajja biex isalpa lejn Malta.[11] Din l-istorja titfa' dawl kif ċerti superstizzjonijiet marbutin mal-baħar u spazji sagri kienu persistenti



Veduta tal-bidu tas-seklu 20 ta' Marsalforn, Għawdex, ferm qabel ma din ġiet żviluppata b'bini modern. Tidher il-knisja ż-żgħira ta' San Pawl.
A view of the turn of the 20th century of Marsalforn, Gozo, well before the bay was developed with modern buildings. The small church of St Paul is visible in this image.

ħafna fil-Mediterran. Ir-rispett lejn spazji sagri marittimi kien jissemma fil-perijodu Modern Bikri. Eremita Kristjan li kien jgħix f'kappella fuq il-gżira ta' Lampedusa kien ukoll jieħu ħsieb il-qabar ta' qaddis Ottoman billi kien jassigura li jkun hemm lampa tixgħel il-ħin kollu. Dan l-eremita mhux biss qatt ma kien attakkat mill-korsari Kristjani u Misilmin imma kien ukoll iforni l-proviżjon lill-bastimenti li kien ikollhom ħtieġa.[12]

**Burmarrad**

L-attività umana madwar is-sit ta' San Pawl Milqi wieħed jista' jsibha fiż-żminijiet tal-preistorja,[13] u l-użu sussegwenti tas-sit fiż-żminijiet Puniċi u Rumani huwa ddokumentat sewwa. Id-data preċiża tal-konverżjoni ta' parti mis-sit f'post ta' qima għadha mhix magħrufa għalkemm hemm indikazzjonijiet li xi forma ta' kappella kienet teżisti tard fis-seklu tlettax jew kmieni fis-seklu erbatax. Biex wieħed jifhem aħjar in-navigazzjoni fil-port medjevali ta' Burmarrad huwa importanti li wieħed jinnota li t-topografija naturali tal-post kienet radikalment differenti minn kif tinsab illum. Studji tas-sediment wasslu biex jinstab li l-port ta' Binarat kien jikkonsisti f'bajja kbira naturali li kienet tkopri parti mill-pjanura tal-lum li tfur bl-ilma meta tagħmel ħafna xita. Ismijiet ta' postijiet b'referenzi diretti għal bastimenti li jbaħħru huma relattivament komuni f'Burmarrad u dawn jagħtu aktar indikazzjonijiet sa fejn kien jasal il-port medjevali. Referenza għall-kappella fil-kuntest ta' Burmarrad qiegħda ssir biex tindika kif wieħed isib il-post ideali għall-irmiġġ: 'si e bon stazio'. Din il-kappella żgur li kienet turi l-irmiġġ li jinsab fil-parti ta' ġewwa tal-bajja.

**San Pawl il-Baħar**

Il-kappella medjevali li għaliha hemm referenza fil-portolan kienet mibnija mill-ġdid fil-bidu tas-seklu sbatax.[14] Għal darb'oħra kappella tintuża biex tgħin lill-baħħara jsibu fejn qegħdin: *in fondi del colfode ver sirocho se e una gliexia de San Polo sovra la riva blancha provo mar.* Ftit li xejn huwa magħruf dwar ir-relazzjoni, jekk hemm, bejn il-baħħara u din il-kappella partikolari. Għalkemm ma ssir l-ebda referenza għall-irmiġġ qrib il-kappella, illustrazzjoni tas-seklu sbatax minn Schnellinx tindika b'mod ċar kappella f'San Pawl il-Baħar bil-bastimenti ankrati eżattament taħtha. M'hemmx dubju li l-baħħara fuq dawn il-bastimenti kienu offrew xi forma ta' talb lil San Pawl.

**Kappella post-medjevali fuq il-kosta f'Xrobb l-Għaġin**

Minbarra t-tliet siti li jissemmew fil-portolani, hemm kappella oħra fuq il-kosta ddedikata lil San Pawl, dik ta' Xrobb l-Għaġin. Din il-kappella kienet mibnija fis-seklu tmintax,[15] u possibilment tirrifletti twemmin li s-sit tan-Nawfraġju ta' San Pawl kien fin-Nofsinhar tal-gżira. Din il-kappella tidher minn fuq il-baħar u ftit hemm dubju li kienet tintuża bħala punt ta' riferiment mis-sajjieda li kienu jistadu f'din iż- żona.



Graffit ta' bastiment qadim minqux fuq wieħed mill-ħitan tal-knisja ta' San Pawl tal-Qliegħa, fil-Mosta.
A carved image of an old sailing ship on one of the walls of the church of St Paul, tal-Qliegħa, Mosta.

**Kappella Rurali b'Rabta Marittima**

S'issa spjegajt u ddiskutejt il-kappelli ta' madwar il-kosta. Hemm kappelli oħra ddedikati lil San Pawl imma dawn huma prinċipalment ikkonċentrati madwar iż-żona tal-Imdina u r-Rabat u f'villaġġi rurali. Minn dawn, hemm kappella rurali waħda li hija ta' interess għal dan l-istudju.

**Tal-Qliegħa**

Din il-kappella tinsab fuq in-naħa ta' barra tal-Mosta fit-triq li tieħdok miż-żona tal-kosta ta' San Pawl il-Baħar u Burmarrad lejn l-Imdina u r-Rabat. Mill-post fejn tinsab fil-pajsaġġ rurali wieħed ma jistax jara l-baħar. Biex wieħed jipperċepixxi r-rabta marittima ta' dan is-sit wieħed irid iħares sewwa lejn il-ħitan li hemm. Il-faċċata u ħajt minnhom tal- ġenb huma ddekorati b'ħafna graffiti ta' iġfna ta' daqsijiet differenti.[16] In-natura eżatta ta' dawn il-graffiti għadha ma ġietx iddefinita. Il-fatt li l-parti l-kbira tal-graffiti f'Malta jinsabu fuq kappelli u knejjes wieħed ma jistax jeskludi oriġini votiva. Il-graffiti ta' iġfna fuq knejjes Maltin kienu ddefiniti minn esperti bħala offerta ta' ringrazzjament minn raġel fqir għal grazzja li jkun kiseb f'sitwazzjoni diffiċli fuq il-baħar.[17] In-nies kienu jaslu sa dan is-santwarju rurali biex jagħmlu inċiżjoni u jħallu memorja fuq il-ħitan tagħha. Il-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Qala għandha rabiet marittimi simili b' ħafna graffiti ta' iġfna fuq il- ħitan tagħha kif ukoll dokumentazzjoni dwar offerti votivi u donazzjonijiet monetarji lill-knisja mingħand sajjieda u sidien ta' dgħajjes.[18]

**Konklużjoni**

Huwa kważi żgur li l-kappelli ta' madwar il-kosta li ġew diskussi hawn fuq ma mbnewx għal għan marittimu. Il-funzjoni ġiet mogħtija lilhom wara diversi osservazzjonijiet u referenzi mentali minn baħħara li kienu jidħlu fid-diversi portijiet. Dawn l-osservazzjonijiet setgħu ġew mgħoddija permezz tal-kelma u fl-aħħarnett miktuba fil-forma ta' portolani. L-inklużjoni ta' dawn il-kappelli fl-istruzzjonijiet għall-baħħara tenfasizza l-importanza nawtika tagħhom, u leġġendi bħal dik ta' San Pawl ta' Marsalforn jindikaw kif il-baħħara kienu jqisuhom għal raġunijiet li jmorru lil hinn mill-prammatiku. Din l-idea tingħata aktar saħħa bil-preżenza ta' graffiti ta' iġfna fuq kappelli li jinsabu 'l bogħod mill-baħar mingħajr ebda rabta ovvja mal-baħar.

NOTES

1 Bassett Fletcher. 1885 *Legends and Superstitions of the Sea and Sailors in all lands and in all times*. Belford & Clarke, Chicago and New York. Page: 383.
2 Brody Aaron. 1998. *"Each man cried out to his God"the specialized religion of Canaanite and Phoenician seafarers*. Havard Monographs, Scholars Press. Pages 11-13.
3 Bassett. Pages: 71-72
4 Pitts Joseph. 1704. *A True and Faithful Account of the Religion and Manners of the Mohammetans*. England
5 Wettinger Godfrey. 2000. Place Names of the Maltese Islands. C. 1300-1800. Malta – PEG Publishers. Pages: 501-503.
6 Arnaud Pascal. 2005. *Les Routes de la Navigation Antique, Itineraires en Mediterranee*. Paris – Editions Errante. Pages 50-59.
7 Strabo's *Geography* 6.1.7 from Morton Jamie. 2001. *The Role of the Environment in Ancient Greek Seafaring*. Boston – Brill. Page: 179.
8 Captains of modern boats and ships still refer to such written instructions. These are today called pilot books. See Nordenskiöld Adolf Erik. 1897 *Periplus [cartographic material: an essay on the early history of charts and sailing-directions*. Stockholm : P.A.Norstedt & Söner.
9 The references to the portolans is taken from: Cassola Arnold. 1992. The Maltese Toponomy in Three Ancient Italian Portulans (1296-1490) in *Al Masaq International Journal of Arabo-Islamic Mediterranean Studies* 5. Pages 47-64. The three medieval portolans studied by Cassola are *Lo Compasso de Navegare* from 1296, *Chompasso de tuta la starea della marina* from 1490 and the *Rizo* portulan of circa 1490.
10 For a detailed overview of maritime Malta in the Middle Ages see: Gambin Timmy. 2005. Malta and the Mediterranean Shipping Lanes in the Middle Ages in De Maria Lorenza and Turchetti Rita (Editors). *Rotte e porti del Mediterraneo dopo la caduta dell'Impero d'Occidente. Continuità e innovazioni tecnologiche e funzionali*. IV Seminario. Genova, 18-19 giugno 2004. Pages 115 – 133.
11 De Soldanis Francesco. *Gozo: Ancient and Modern, Religious and Profane*. English Translation by Farrugia Giuseppe. 1999. Malta- Media Centre Publications. Pages: 74-75.
12 Horden Peregrine, Purcell Nicholas. 2000. *The corrupting sea: a study of Mediterranean history*. Oxford – Blackwell Publishers. Page: 455.
13 Pace Anthony in Cilia Daniel (ed). 2004. Malta *Before History. The World's Oldest Freestanding Stone architecture*. Malta – Mirand Publications. Page 203.
14 See Gambin, Timmy. (2005) Islands of the Middle Sea: an archaeology of a coastline in de Maria Lorenza and Turchetti Rita (editors). *Evolución paleoambiental de los puertos y fondeaderos antiguos en el Mediterráneo occidental: I seminario : El patrimonio arqueológico submarino y los puertos antiguos : Alicante, 14-15 noviembre 2003*. Pages 127-146.
15 Ferris Achille. 1866. *Descrizione delle chiese di Malta e Gozo.* Malta. Page 344.
16 Ibid. 380.
17 For a detailed description of these Graffiti see: Muscat Joseph. 2002. *Il-Graffiti Marittimi Maltin*. Malta-PIN. Pages: 106-118.
18 IBID. Page: 25.
19 See Theuma Frank. 2003. A View over Water: The Qala Ship Graffiti in Context in *Melita Historica* 13: 409-420.